# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**

**[Spettur Robert Said Sarreo]**

**vs**

**Mario Apap**

**Kumpilazzjoni Numru: 789/15**

**Illum, 4 ta' Lulju, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mario Apap detentur tal-karta tal-identita` numru 164955M akkuzat talli nhar it-28 ta' Lulju 2015

ghall-habta ta' bejn 16.00hrs u l-17.00hrs ta' wara nofs inhar, gewwa Triq Strickland, Zabbar, f'dawn il-gzejjer

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem ta' natura gravi jew fis-sahha ta' Yazan Harmoush, hekk kif iccertifikat Dr. Dorothy Zammit MD reg. 2956 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u dan bi ksur ta' artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Yazan Harmoush, kemm waqt il-mori ta' kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sbatax (17) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikoli 214, 215 u 216(1)(a)(ii), (iii), (b)(d)(2), 217 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 7, 17, 22, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-verbal tal-parte civile Yazan Harmoush datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru elfejn u sbatax (2017) fejn iddikjara li ma kienx ghadu interessat fil-proceduri u ma xtaqx jixhed fil-konfront tal-imputat. Inoltre' f'din is-seduta l-Qorti setghet tikkonstata li ma kienx hemm marki vizibbli fuq wicc il-parte civile.

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi din il-kawza, hekk kif xehed **<u>l-ex spettur Robert Said Sarreo</u>**, titratta fuq allegat argument li nqala' fil-post tax-xoghol tal-imputat gewwa Triq Strickland, Zabbar fejn il-parte civile u certa Mary Grace Galea kellhom karrozza ghand l-imputat sabiex isewwiha izda meta marru hemm skoprew li l-imputat kien ghamel aktar xoghol fuqha minn dak pattwit u fil-fatt kien qed jippretendi mitt ewro (€100) aktar. Skont Harmoush inqala' argument

bejniethom u l-imputat hebb ghalih b'mazza fuq wiccu u f'genbu tant li kellu qasma fuq xofftejh. Jghid illi kien ha l-verzjoni ta' hu l-imputat u cioe' Albert Apap fejn kien ra l-incident wara li kien beda u fejn qal illi ra lit-tnejn jargumentaw u ra lil Harmoush jitfa' jdejh go wicc huh u jimbuttah imbaghad Mario tah daqqa ta' ponn. Ix-xhud esebixxa l-mazza li allegatament kienet l-arma tad-delitt.

Illi l-Qorti semghet ix-xhieda ta' **Dr Dorothy Zammit** li kkonfermat ic-certifikat mediku (Dok RSS1) mahrug minnha wara li kienet ezaminat lil Yazan Harmoush fejn din kienet ikkonstatat li hu sofra ferita fuq ix-xoffa li kellha bzonn il-punti, ferita superficjali ta' madwar hames (5) centimetri fuq il-genb tax-xellug u kienet irreferietu sabiex jiccekkja s-snien izda l-kumplament kien kollox normali. Hija kienet ikklassifikat il-griehi gravi ghas-semplici raguni li kienet fuq il-wicc u kellha bzonn il-punti.

Xehed ukoll il-parte civile **Yazan Harmoush** fejn dan qal illi ried jaghmel pjacir lil Mary Grace Galea fejn din kellha karrozza bil-hsara u mar hu bil-karrozza taghha ghand l-imputat biex tissewwa. Huwa jghid illi l-ftehim kien ghal prezz ta' tliet mija u hamsin ewro (€350). Huwa jghid ukoll illi l-imputat kien qallu li

kellu bzonn gimghatejn sabiex ilestiha izda l-parte civile kien qallu li ma kienx jimporta u seta' jiehu tliet (3) gimghat basta li ssir sew u li kien ser ihallsu hu. Izda jghid illi Mario Apap kien dam aktar sabiex ilestiha u dakinhar tal-incident iddecieda jmur ma' Mary Grace sabiex jara b'ghajnejh fil-garaxx tal-imputat. Jghid illi tlewmu fuq din il-karrozza ghaliex l-imputat talbu aktar u f'daqqa wahda qabad jghajjat u ezatt kif dar wiccu qabad itih u tah daqqa ta' mazza f'genbu u fuq halqu. Meta gie muri l-mazza esebita bhala Dok RSS4, il-parte civile jghid illi mhux din kienet il-mazza.

Meta l-parte civile rega' ttella' inkontroezami mid-difiza dan rega' kkonferma li ma riedx li l-proceduri jkomplu u xehed illi hu u Mary Grace kienu marru fil-garaxx tal-imputat ghaliex l-istess imputat kien cempillu li l-karrozza kienet lesta. Illi kkonferma wkoll illi l-imputat kien talbu aktar flus ghal xoghol li ma kinux ftehmu fuqhom u li hu rrabja u qal lill-imputat li ma kienx ser ihallsu taghhom. Jghid ukoll illi meta kienu hergin 'il barra l-imputat tah daqqa ta' mazza fuq genbu u meta dar tahielu fuq wiccu wkoll. Rega' kkonferma li l-mazza li gabu l-pulizija u li giet esebita fl-atti ma kinitx l-istess wahda li allegatament intuzat mill-imputat.

Xehdet ukoll <u>**Mary Grace Galea**</u> li ddikjarat illi fuq l-incident hija ma tiftakar xejn ghaliex tbati minn hafna mard u tiehu hafna pinnoli li jnissuha l-avvenimenti li tkun ghaddiet minnhom.

Xehed hu l-imputat u cioe' <u>**Albert Apap**</u> fejn qal illi kien mar fuq il-post u sab lil huh u ragel iehor jillatikaw fuq xi spray ta' xi karrozza. Huwa jghid li ma ra lil hadd jerfa' jdejh fuq xulxin u meta gie affrontat mill-ufficjal prosekutur fuq il-verzjoni li kien ta lis-surgent *a tempo vergine* dan cahdu u qal li s-surgent kiteb li ried hu.

<u>**PS 835 Christian Anthony Agius**</u> ikkonferma li l-mazza li allegatament kienet intuzat mill-imputat kienet instabet wara bank flimkien ma' xi ghodda fil-garaxx tal-imputat u li kien indikaha l-parte civile. Dan jghid illi din il-mazza kienet irqiqa u gejja ghall-ponta u ma kinitx kbira.

Rat is-sentenza esebita mill-<u>**Ispettur Christabelle Chetcuti**</u> li giet immarkata bhala Dok CCX.

Finalment xehed l-imputat **Mario Apap** fejn ikkonferma li l-parte civile inkarigah sabiex jaghmel xi xoghol fuq il-karrozza ta' Mary Grace u zied jghid ukoll illi ftit wara kienet cemplitlu l-istess Mary Grace fejn din kienet qaltlu li kellha daqqa ohra u sabiex jaghmilha wkoll. Huwa jghid illi ghalhekk kellu jdum aktar. Jghid illi l-parte civile kien cempillu u staqsih ghaliex kien qed idum imbaghad l-imputat kien qallu li kien qed idum ghaliex Mary Grace kienet inkarigatu sabiex jaghmel daqqa ohra u qabad u qataghlu. Jghid illi dakinhar tal-incident il-parte civile kien dahal bil-herra ghalih u qallu l-kliem *"inxufek"*. Jghid illi l-parte civile beda jinbuttah u tah daqqa go sidru u daqqa go halqu. Jghid illi mbaghad hu (l-imputat) qabdu minn ghonqu, tbaxxew it-tnejn u habtu ma' bank tal-hadid. Huwa jghid illi lil parte civile ma kienx ralu l-ebda griehi f'wiccu.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti tinnota li ghalkemm inghataw zewg verzjonijiet kemxejn differenti mhumiex xorta wahda 'l boghod minn xulxin. Ghaldaqstant il-Qorti ser tqis dawn l-istess verzjonijiet, u cioe` dik tal-parte civile u dik tal-imputat, bhala fattwali.

Illi din il-Qorti setghet tezamina attentament ix-xhieda tal-parte civile kif ukoll tal-imputat u tikkonstata illi minghajr ombra ta' dubju l-verzjoni tal-imputat hija l-aktar veritjiera tenut kont illi dak li qal il-parte civile ma jaghmilx sens sal-ahhar u dan ghaliex skont kif qal hu li semplicement hareg 'il barra u l-imputat tah daqqa ta' mazza ma tantx hija verzjoni kredibbli. Illi jekk il-parte civile sofra xi griehi dan sar certament fil-kollutazzjoni bejnu u l-imputat izda din il-Qorti ma tistax tkun moralment konvinta ta' kif graw verament il-fatti ghaliex il-verzjonijiet huma daqstant kontrastanti. Illi di piu' ma kienx hemm aktar provi korroboranti sabiex jghinu lil din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni tal-fatti.

Illi m'hemmx dubju li harsa lejn il-fedina penali kkulurita tal-imputat johrog animu ta' rabja min-naha tieghu li jwasslu hafna drabi ghall-glied imma dan il-fatt wahdu ma ghandux jincidi fuq il-kolpevolezza o meno tal-istess imputat.

Inoltre' l-fatt illi l-parte civile minn dejjem ried iwaqqa' l-proceduri aktar ihasseb lil din il-Qorti li kien hemm aktar mill-verzjoni li kien ta l-parte civile u cioe' li forsi hu kien beda l-incident u mhux l-imputat?

A rigward l-addebitu tar-recidiva jinghad illi ghalkemm giet esebita sentenza ma gietx ikkorroborata permezz tax-xhieda tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali a rigward jekk din saritx definittiva u ghalhekk ma tistax issib htija fuq din.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Mario Apap hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati u tilliberah minnhom.

---------------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratu**